KUNSILL LOKALI TAS-SLIEMA
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

TAS-SLIEMA

TAS-SLIEMA LOCAL COUNCIL
Triq Depiro,
Tas-Sliema, SLM 2037 – MALTA

Telephone: +356 2133 7633
Fax: +356 2134 5333
Email: sliema.lc@gov.mt
Website: sliemalocalcouncil.com

# LAQGĦAT TAL-KUNSILL TAT-TMIEN LEĠISLATURA - LAQGĦA NUMRU 47

Is-seba u erbgħin seduta tat-tmien leġislatura tal-Kunsill Lokali Tas-Sliema nżammet l-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2015 fis-6.25pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Depiro, Tas-Sliema.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI** | Anthony Chircop | Sindku |
| | Kris Busietta | Viċi Sindku |
| | Marianne Aquilina | Kunsillier |
| | Michael Briguglio | Kunsillier |
| | Lisa Cassar Shaw | Kunsillier |
| | Nanette Castaldi Paris | Kunsillier |
| | David Muscat | Kunsillier |
| | Pierre Portelli | Kunsillier |
| | Paul Radmilli | Kunsillier |
| **SKUZATI** | John Pillow | Kunsillier |
| **ASSENTI** | Vivianne Galea Pace | Kunsilliera |
| **UFFIĊĊJALI** | Matthew Dimech | Segretarju Eżekuttiv |
| **PREŻENTI** | Stefania Friggieri | Principal |

*Is-Seduta kompliet b'din l-Agenda:*

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Materji konnessi mal-Minuti*
3. *Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet*
4. *Rapporti mill-Kumitati u Sotto Kumitati*
5. *Sliema Arts Festival*
6. *Suġġerimenti mill-Kunsilliera*
7. *Aġġornament*

1. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

1.1 Is-Sindku ressaq għall-approvazzjoni l-minuti tas-seduta 46_29/09/2015.

1.2 Il-Viċi Sindku talab li ssir korrezzjoni għaliex hu kien skużat mhux assenti fl-aħħar seduta tad-29 ta' Settembru 2015. *Korrezzjonijiet*

1.2 Il-Viċi Sindku irrefera għal punt 4.3 u talab għal korrezzjoni li l-aħħar parti tas-sentenza tinqara 'b'sistema ta' culling'.

1.3 Is-Sindku irrefera għal punt 1.16 u qal li fil-frazi trid tiġi speċifikata li tqassim ta' fondi bejn il-Kunsilli membri li dan isir skont il-proċeduri tas-soltu.

1.4 Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-minuti. Il-Kunsilliera M. Aquilina issekondat. Kien hemm approvazzjoni fost il-Kunsilliera preżenti. *Approvazzjoni tal-minuti*

2. **MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI**

2.1 B'referenza għal punt 1.13 ta' l-aħħar seduta l-Kunsill ġie infurmat li l-kumitat iltaqa mal-ELC u se jaraw xi pjanti li jistgħu jitħawwlu flok it-turf f'parti zghira mill-ġnien ta' Qui si Sana. Il-Kunsill ġie infurmat li se jitħawwlu siġar fix-Xatt ta' Qui Si Sana Manutenzjoni ta' *soft areas*

2.2 Is-Sindku irrefera għal punt 2.1 ta' l-aħħar seduta u informa li CSD ħa joffru s-servizz li jnaddfu l-ħmieġ tas-sigaretti mingħajr ħlas. *CSD*

2.3 Dwar punt 2.2 ta' l-aħħar seduta il-Kunsilliera għandhom iressqu ismijiet lis-Segretarju Eżekuttiv ta' persuni li lesti li jkunu *street leaders*. *Street leaders*

2.4 Dwar is-sistema ta' *datatrak* għal *monitoring* tal-knis is-Segretarju Eżekuttiv qal li din hija sistema għolja biex tibda tintuża minn issa u m'hiex parti mill-kuntratt aqqas. Is-Sindku issuġġerixxa li l-Kunsill għandu jieħu nota għal meta jasal biex joħroġ tender ġdid. Kien hemm qbil dwar dan. *Sistema ta' datatrak għal knis*

2.5 Dwar il-punt 2.5 tal-aħħar seduta, s-Segretarju Eżekuttiv informa li t-tapit li kien zamm il-kuntrattur (kif kien miftihem) se jerġa jitpoġġa dalwaqt fil-ġnien Margaret Mortimer. Il-Kunsill ġie infurmat li t-tabella li se jsir proġett gdid twaħħlet. *Sliema playing fields*